## QORTI TAL-APPELL KRIMINALI
## ONOR. IMĦALLEF NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D

**Appell Numru: 426/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Shaun Friggieri)**

**vs**

**Albert GRIMA**

**Illum, 23 ta' Lulju 2025**

Il-Qorti,

Rat is-segwenti:

### A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell ta' **Albert GRIMA** minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija nhar it-28 ta' Novembru 2023 fil-konfront tal-istess **Albert GRIMA**, imwieled ġewwa l-Pieta` nhar it-28 ta' Marzu 1981, residenti fil-fond bin-numru 45, 'Sweet Peas', Triq Franza, Naxxar u detentur tal-karta tal-identità bin-numru 0170081(M), wara li ġie mixli talli:

   Nhar it-13 ta' Jannar 2022 u fil-ġranet, ġimgħat u xhur ta' qabel ġewwa l-Mellieħa u f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmula minnu fi żminijiet

differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi, u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1) Kellu fil-pussess tiegħu annimal perikoluż ċioe` *Chlorocebus Sabaeus*, fejn ma kienx reġistrat biex iżommu, u dan bi ksur tar-Regolament 4(2) tal-L.S. 439.19 tal-Liġijiet ta' Malta;

2) Fl-istess dati, lok u ċirkostanzi żamm annimal perikoluż ċioe` *Chlorocebus Sabaeus*, f'sit li ma kienx approvat mid-Direttur u dan bi ksur tar-Regolament 4(1) tal-L.S. 439.19 tal-Liġijiet ta' Malta;

3) Fl-istess dati, lok u ċirkostanzi żamm annimal perikoluż ċioe` *Chlorocebus Sabaeus* mhux ġewwa stabbiliment żooloġiku, u dan bi ksur tar-Regolament 3(2) tal-L.S. 439.19 tal-Liġijiet ta' Malta;

4) Fl-istess dati, lok u ċirkostanzi żamm annimal perikoluż ċioe` *Chlorocebus Sabaeus* f'magħlaq li ma kienx spezzjonat u approvat mid-Direttur u dan bi ksur tar-Regolament 5(2) tal-L.S. 439.19 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u l-iskwalifika miż-żamma jew ksib ta' xi *warrant*, liċenzja, permess jew awtorità skont ir-Regolament 16 tal-L.S. 439.19.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat ir-Regolamenti 3(2), 4(1), 4(2) u 5(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.19, sabet lill-imputat (illum l-appellant) **Albert GRIMA** mhux ħati tal-ewwel imputazzjoni, li minnha ġie lliberat u ħati tat-tieni, tat-tielet u tar-raba' imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu u kkundannatu għal multa ta' tlett elef ewro (€3,000).

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi **Albert GRIMA** appella minn din is-sentenza b'rikors tal-appell intavolat minnu fit-30 ta' Novembru 2023 u talab lil din il-Qorti sabiex "*filwaqt li tikkonferma fejn ma sabitx ħtija, tħassar, tirrevoka u tannulla s-sejbien ta' htija fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif presjeduta mill-Magistrat Dr. Nadine Sant Lia LLD, nhar it-28 ta' Novembru 2023, u konsegwentement tillibera lill-appellant rikorrent minn kull ħtija u tirrevoka l-piena hemm inflitta*".

## D. RISPOSTA TAL-AVUKAT ĠENERALI

4. Illi permezz ta' risposta ntavolata minnu nhar id-29 ta' Mejju 2024, l-Avukat Ġenerali wieġeb illi din il-Qorti għandha tiċħad it-talba tal-appell tal-appellant **Albert GRIMA** fl-intier tagħha, u tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar it-28 ta' Novembru 2023.

## E. TRATTAZZJONI TAL-PARTIJIET

5. Illi din il-Qorti semgħet it-trattazzjoni tal-appellant. Da parti tiegħu, l-Avukat Ġenerali ddikjara illi kien qed jistrieħ fuq ir-risposta tiegħu.

## F. IL-KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

6. Illi mill-atti proċesswali jirriżulta illi nhar it-18 ta' Jannar 2020, id-Direttorat għas-Servizzi Veterinarji rċieva rapport li ġewwa l-Mellieħa, fl-indirizz 'Ta' Ċetta', Triq il-Qammiegħ, kienet qegħda tinżamm xadina minn persuna li, wara li saru l-verifiki neċessarji, irriżulta li kien l-appellant **GRIMA**. Dakinhar ġie vverifikat il-post u wara sar kuntatt mas-sid, bi spezzjoni oħra ssir fil-11 ta' Frar 2020, fejn ġie vverifikat li fuq il-post kienet qed tiġi miżmuma xadina, li ma kinitx reġistrata mad-Direttur responsabbli għas-Servizzi Veterinarji fis-sena 2016, meta din setgħet tiġi

hekk reġistrata skont il-liġi. Jirriżulta wkoll illi wara dakinhar, saret spezzjoni oħra fil-31 ta' Jannar 2022, sabiex jiġi verifikat illi x-xadina kienet għadha fuq is-sit u l-mod kif kienet miżmuma. Fil-11 ta' Frar 2022, reġgħet saret viżita oħra fis-sit in kwistjoni, bi ftehim mal-appellant u mat-tabiba tiegħu, u dakinhar saret il-*microchip* sabiex ix-xadina tkun tista' tiġi identifikata. Skont Silvana Cassar Gauci, *Senior Veterinary Support Officer* mill-imsemmi Direttorat, dakinhar reġgħet ġiet verifikata l-gaġġa, u nstab li din kienet skont ir-rekwiżiti tad-Direttorat.

7. Illi kif ingħad iżjed 'il fuq, l-appellant instab ħati mill-Ewwel Qorti tat-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet.

8. Illi fl-ewwel aggravju tiegħu, l-appellant jilmenta illi l-imputazzjonijiet kif dedotti huma ristretti għall-perjodu ta' bejn it-13 ta' Jannar 2021 u t-13 ta' Jannar 2022, f'liema żmien ma sarux spezzjonijiet mid-Direttorat rigward ix-xadina in kwistjoni u għalhekk ma seħħ l-ebda reat fid-dati indikati fiċ-ċitazzjoni odjerna. Isostni wkoll l-istess appellant, illi f'dan il-każ japplika l-prinċipju *impossibilia nemo tenetur,* kif ukoll illi l-element formali tar-reat, da parti tiegħu, ma jirriżultax u għalhekk huwa kellu jiġi lliberat mit-tieni, mit-tielet u mir-raba' imputazzjonijiet. Huwa jsostni wkoll illi mill-11 ta' Frar 2020, l-annimal in kwistjoni dejjem kien taħt il-patroċinju tad-Direttorat tas-Servizzi Veterinarji, kif xehed id-Direttur Paul Portelli.

9. Illi permezz tat-tieni aggravju, l-appellant jillanja illi mis-sena 2020 'il quddiem, iż-żamma fiżika tal-annimal, inkluż il-lok fejn kien miżmum, kienu direttament imposti mid-Direttorat, u jsostni għalhekk illi ma tistax tinstab ħtija fih la darba huwa kien qiegħed jobdi ordni legali u leġittima tal-istess Direttorat.

10. Illi fit-tielet aggravju tiegħu, imbagħad, l-appellant isostni illi ma setax jinstab ħati taż-żamma in kwistjoni f'magħlaq jew post mhux adegwat, meta jirriżulta mix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni, illi fis-sena 2020, huwa kien ingħatat struzzjonijiet mid-Direttorat sabiex ikabbar dan il-magħlaq, kif fil-fatt għamel u ġie kkonfermat fl-ispezzjoni tas-sena 2022. Jirriżulta wkoll skont l-istess appellant illi kemm fi Frar 2020, kif ukoll fi Frar 2022, l-annimal kien fi stat ta' kura tajba mil-lat veterinarju. In

kwantu t-tielet imputazzjoni, skont l-appellant, ma nġabet l-ebda prova minn dan il-lat fil-konfront tiegħu.

11. Finalment u permezz tar-raba' aggravju, l-appellant jilmenta illi għalkemm iċ-ċitazzjoni odjerna tirreferi għall-ispeċi *Chlorocebus Sabaeus*, definita bl-Ingliż bħala *Green Monkey*, iċ-ċertifikat veterinarju jirreferi għall-*Vervet Monkey* u ċioe` għall-ispeċi *Chlorocebus Pygerythrus*. Skont l-appellant, la darba l-oġġett inkriminanti ġie definit b'mod żbaljat, l-akkużi ma jistgħux jissussistu. In oltre, isostni l-appellant, illi l-ispeċi *Chlorocebus Sabaeus*, li dwarha jitkellmu l-akkużi, m'hijiex waħda minn dawk l-annimali perikolużi elenkati fl-Iskeda B, li għalih jirreferi r-Regolament 3 tal-Liġi Sussidjarja 439.19. Għaldaqstant, l-imputazzjonijiet tnejn, tlieta u erbgħa ma japplikawx għall-każ odjern, ma kellhomx jittieħdu proċeduri fil-konfront tal-appellant, u għalhekk l-Ewwel Qorti kellha tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

12. Illi permezz tat-tieni imputazzjoni, l-appellant **GRIMA** ġie akkużat talli nhar it-13 ta' Jannar 2022, u fil-ġranet, ġimgħat u xhur ta' qabel, huwa żamm annimal perikoluż f'sit li ma kienx approvat mid-Direttur, bi ksur tar-Regolament 4(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.19. Skont dan l-istess regolament:

> Annimal perikoluż m'għandux jinġieb ġo sit qabel ma l-approvazzjoni bil-miktub meħtieġa tingħata mid-Direttur skont dan ir-regolament.

13. Fl-ewwel lok, jeħtieġ illi din il-Qorti tikkunsidra din l-imputazzjoni fid-dawl tal-perjodu li għalih jirreferu l-imputazzjonijiet odjerni u għalhekk fit-13 ta' Jannar 2022 u fil-ġranet, ġimgħat u x-xhur ta' qabel din id-data, ossia, kif jgħid ben tajjeb l-appellant, bejn it-13 ta' Jannar 2021 u t-13 ta' Jannar 2022. Jirriżulta mill-provi proċesswali u speċifikatament mix-xhieda ta' Silvana Cassar Gauci, illi sa dakinhar rappreżentanti mid-Direttorat marru fuq is-sit in kwistjoni darbtejn; darba fit-18 ta' Jannar 2020, fejn ivverifikaw biss fejn kien jinsab is-sit, u wara sar kuntatt mal-appellant, u t-tieni darba fil-11 ta' Frar 2020, meta ġie vverifikat li fuq il-post kienet qed tiġi miżmuma xadina li ma kinitx reġistrata skont il-liġi. Jirriżulta in oltre minn din ix-xhieda, illi matul l-ispezzjoni li saret fil-31 ta' Jannar 2022, ġie vverifikat illi l-gaġġa kienet skont ir-rekwiżiti tad-

Direttorat u li l-annimal kien miżmum sew. Fix-xhieda tiegħu, b'referenza għall-ispezzjoni tal-11 ta' Frar 2020, l-appellant jgħid illi tkellmu fuq il-gaġġa u illi lilu qalulu illi meta jlesti l-gaġġa, kienu se jmorru jarawha, kif fil-fatt ġara, meta qalulu li kien kollox sew.

14. Jirriżulta ċar lil din il-Qorti illi minkejja l-ispezzjonijiet li saru fis-sit in kwistjoni mid-Direttorat u illi l-gaġġa li fiha eventwalment bdiet tinżamm din ix-xadina mill-appellant kienet approvata mill-istess Direttorat, tant illi l-imsemmija Silvana Cassar Gauci tixhed illi "*l-annimal mil-lat ta' animal welfare qieghed mizmum sew*"[1] u l-annimal fil-fatt jidher li baqa' miżmum mill-appellant bil-konsapevolezza tal-istess Direttorat, ma jistax jingħad illi fil-perjodu ta' bejn it-13 ta' Jannar 2021 u t-13 ta' Jannar 2022, l-annimal perikoluż in kwistjoni kien jinsab fis-sit <u>bl-approvazzjoni bil-miktub</u> tad-Direttur, skont ir-Regolament 4(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.19. Verament illi f'dak l-istadju, l-annimal kien fis-sit bil-konsapevolezza tad-Direttorat, liema annimal lanqas ma ttieħed mingħand l-appellant, iżda ma jirriżultax illi kien hemm approvazzjoni bil-miktub tad-Direttur sabiex l-annimal ikun fl-istess sit, kif tirrikjedi l-liġi.

15. Huwa evidenti illi l-annimal qatt ma ġie reġistrat minn sidu, u fil-fehma ta' din il-Qorti huwa rrelevanti illi l-liġi, wara s-sena 2016, dan ma kinitx tippermettih, għaliex fl-ewwel lok, fin-nuqqas ta' tali possibilita` ta' reġistrazzjoni, dak li kellu jagħmel l-appellant huwa li ma jieħux fil-pussess tiegħu l-annimal in kwistjoni, u b'hekk kien ikun in linea mal-liġi, kif viġenti dak iż-żmien. Illi l-appellant ma kienx jaf li kellu jirreġistrah lanqas ma hija relevanti għall-fini ta' ħtija, għaliex l-injoranza tal-liġi ma ssarraf fl-ebda skuża li permezz tagħha wieħed jiġi skulpat mir-responsabilita` kriminali. Dak li kien jeħtieġ biss għall-fini ta' ħtija dwar l-ewwel imputazzjoni kien in-nuqqas ta' reġistrazzjoni u l-volontarjeta` fl-appellant għall-pussess u ż-żamma tal-annimal in kwistjoni. Fi kwalunkwe każ, l-Avukat Ġenerali ma appellax minn din il-parti tas-sentenza tal-Ewwel Qorti, li ma sabitux ħati ta' din l-imputazzjoni, u għaldaqstant, din il-Qorti se tieqaf hawn dwar din il-kwistjoni.

[1] Ara a fol. 34 tal-proċess.

16. Illi madankollu, la darba lanqas wara l-11 ta' Frar 2020 u speċifikatament bejn it-13 ta' Jannar 2021 u t-13 ta' Jannar 2022 ma jirriżulta illi ngħatat lill-appellant xi approvazzjoni bil-miktub mid-Direttur, illi l-annimal perikoluż jkun fis-sit in kwistjoni, irrispettivament mill-fatt illi fl-istess żmien kien qed jinżamm f'gaġġa li fil-31 ta' Jannar 2020, jidher li ġiet approvata verbalment mill-istess Direttorat, l-appellant kellu korrettement jinstab ħati tat-tieni imputazzjoni.

17. Il-prinċipju *impossibilia nemo tenetur* ma japplikax f'dan il-każ, għaliex kien l-appellant illi poġġa lilu nniffsu fis-sitwazzjoni li kien jinsab fiha, u dan seta' jiġi minnu evitat li kieku huwa ma ħax fil-pussess tiegħu l-annimal in kwistjoni. L-element formali tar-reat lanqas ma jista' jingħad illi ma jirriżultax għaliex volontarjament huwa ħa f'idejh iż-żamma tal-istess annimal fis-sit fejn dan instab mid-Direttorat bi ksur tal-liġi. In oltre la darba dan baqa' fil-pussess tiegħu, l-appellant baqa' wkoll responsabbli għalih, kif wara kollox jixhed ukoll Paul Portelli, id-Direttur tas-Servizzi Veterinarji[2]. In kwantu t-tieni aggravju tal-appellant, din il-Qorti hija tal-fehma illi d-Direttorat ma npona xejn fuq l-appellant, iżda pprova jameljora l-posizzjoni li kien miżmum fiha l-annimal in kwistjoni. Lanqas ma jirriżulta illi l-appellant ma riedx jibqa' fil-pussess tal-istess annimal, iżda mix-xhieda tiegħu jirriżulta biss illi huwa staqsa jekk kienx se jeħel l-ispejjeż tal-gaġġa in kwistjoni, biex imbagħad jitteħidlu l-annimal fi kwalunkwe każ, u fil-fatt sussegwentement ħejja struttura li kienet aċċettabbli għad-Direttorat. Kif ingħad, kien biss l-appellant li ġab fuqu l-posizzjoni li nstab fiha, la darba huwa għażel li jieħu f'idejh iż-żamma u l-pussess tal-annimal in kwistjoni. Għalhekk l-ewwel żewġ aggravji tal-appellant qed jiġu miċħuda.

18. Illi fit-tielet aggravju tiegħu, l-appellant għandu *in parte* raġun. Permezz tar-raba' imputazzjoni, huwa ġie akkużat talli żamm annimal perikoluż f'magħlaq li ma kienx spezzjonat u approvat mid-Direttur, bi ksur tar-Regolament 5(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.19, u dan, kif ingħad, fil-perjodu bejn it-13 ta' Jannar 2021 u t-13 ta' Jannar 2022. Dan ir-regolament jaqra hekk:

---

[2] Ara a fol. 45 tal-proċess.

> Il-magħlaq propost għandu jiġi spezzjonat u approvat mid-Direttur li għandu, b'mod partikolari, jaċċerta l-adegwatezza tiegħu fir-rigward ta' daqs, kumdità u sigurtà b'referenza għall-ispeċi tal-annimal perikoluż intiż li jinżamm ġo fih.

19. Jirriżulta illi meta saret l-ispezzjoni fuq is-sit in kwistjoni nhar il-31 ta' Jannar 2022, il-magħlaq instab li kien adegwat, tant illi kif diġa` ingħad, Silvana Cassar Gauci tixhed f'dan is-sens. Fi kliemha "*U ergajna vverifikijna wkoll il-gagga, li hija up to animal welfare standards. U l-gagga tieghu hija kif suppost, igifieri skont ir-rekwiziti taghna*".[3] Bejn it-13 ta' Jannar 2021 u t-13 ta' Jannar 2022, ma jirriżultax illi saru xi spezzjonijiet mid-Direttorat u għalhekk ma jistax jingħad illi f'dan iż-żmien, il-magħlaq in kwistjoni instab illi ma kienx adegwat fir-rigward ta' dak li tirrikjedi l-liġi. In oltre jekk ma sarux spezzjonijiet mid-Direttorat f'dan il-perjodu, dan kien nuqqas tal-istess Direttorat, li sa dak iż-żmien kien ben konsapevoli taż-żamma tal-annimal in kwistjoni fuq is-sit, liema nuqqas għalhekk ma jistax jiġi attribwit lill-appellant. Sal-perjodu mertu tal-imputazzjoni odjerna, il-magħaq kien ġie spezzjonat għalkemm kien għadu mhux approvat, iżda kif ingħad, dan ma seħħx b'xi nuqqas da parti tal-appellant. Din l-imputazzjoni kienet treġi li kieku kienet tirreferi għall-11 ta' Frar 2020 jew il-perjodu ta' qabel, għaliex sa dakinhar il-magħlaq la kien ġie spezzjonat u lanqas approvat mid-Direttorat, u lanqas ma jidher illi f'dak l-istadju, il-magħlaq kien wieħed adegwat. Għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, l-appellant ma setax raġjonevolment u legalment jinstab ħati tar-raba' imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

20. Fit-tielet aggravju tiegħu, l-appellant jgħid ukoll illi ma ngabet l-ebda prova in kwantu t-tielet imputazzjoni dedotta kontra tiegħu. Permezz ta' din l-imputazzjoni, l-istess appellant ġie mixli talli fl-istess dati, lok u ċirkostanzi, żamm annimal perikoluż mhux ġewwa stabbiliment żooloġiku. Fit-termini tar-Regolament 3(2) tal-imsemmija Leġislazzjoni Sussidjarja:

> Annimal perikoluż għandu jinżammu biss ġewwa stabiliment żooloġiku.

---

[3] A fol. 16 tal-proċess.

Fir-Regolament 2(1) tal-istess Leġislazzjoni Sussidjarja, imbagħad, 'stabbiliment żooloġiku' "*għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fir-Regolamenti dwar iż-Żamma ta' Annimali Selvaġġi fi Stabiliment Żooloġiċi*".

Il-Qorti tinnota illi għalkemm dawn l-aħħar regolamenti ġew imħassra permezz tal-Avviż Legali 199 tas-sena 2024, fl-ewwel lok, ir-Regolament 5(1) tar-Regolamenti tal-2024 dwar iż-Żamma ta' Annimali f'Żoos, introdotti permezz tal-imsemmi Avviż Legali, jgħid illi "*Kwalunkwe ċirkostanza oħra mhux koperta minn dawn ir-regolamenti għandha tkun regolata mir-Regolamenti dwar il-Pussess u ż-Żamma ta' Annimali Perikolużi*", b'dan għalhekk illi l-każ odjern jibqa' regolat mill-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.19, kif viġenti fiż-żmien tal-każ odjern, u f'dan ir-rigward, il-Qorti tinnota wkoll illi r-regolamenti li dwarhom ġie mixli l-appellant baqgħu l-istess, minkejja l-emendi f'dawn ir-regolamenti li saru matul is-snin miż-żmien tal-każ. Fit-tieni lok, ir-Regolament 24 tar-Regolamenti tal-2024 dwar iż-Żamma ta' Annimali f'Żoos illum jgħid ukoll illi:

> Fir-regolament 2 tar-Regolamenti dwar il-Pussess u ż-Żamma ta' Annimali Perikolużi, it-tifsira "stabbiliment żooloġiku" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:
>
> " "żoo" tfisser l-istabbilimenti permanenti kollha fejn jinżammu annimali perikolużi, eżotiċi u, jew selvaġġi għall-wiri lill-pubbliku kemm jekk jitħallas jew ma jitħallasx id-dritt għad-dħul, bl-eċċezzjoni ta' pet shops."

Fiż-żmien tal-każ odjern, il-kliem 'stabbiliment żooloġiku' taħt ir-Regolament 2 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.08 kien ifisser hekk:

> l-istabbilimenti permanenti kollha fejn jinżammu għal wiri lill-pubbliku għal sebat ijiem jew aktar fis-sena, l-annimali ta' speċi selvaġġa bl-eċċezzjoni taċ-ċirku, ħwienet tal-pets u stabbilimenti li s-Servizzi Veterinarji teżenta mill-ħtiġiet ta' dawn ir-regolamenti minħabba f'li ma jesibixxux numru sinifikanti ta' annimali jew ta' speċi lill-pubbliku u li l-eżenzjoni ma tfixkilx l-objettivi ta' dawn ir-regolamenti.

Huwa evidenti mill-fatti tal-każ odjern u miċ-ċirkostanzi riżultanti illi l-annimal in kwistjoni ma kienx qed jinżamm ġewwa stabiliment żooloġiku fit-tifsira tal-liġi, kemm fiż-żmien tal-każ odjern, kif ukoll illum, u illi ma jirriżultax illi huwa kellu xi eżenzjoni fis-sens tal-liġi fiż-żmien tal-każ, u għaldaqstant l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet lill-appellant ħati ta' din l-imputazzjoni.

21. Finalment u permezz tar-raba' aggravju, l-appellant jilmenta illi għalkemm iċ-ċitazzjoni odjerna tirreferi għall-ispeċi *Chlorocebus Sabaeus*, definita bl-Ingliż bħala *Green Monkey*, iċ-ċertifikat veterinarju jirreferi għall-*Vervet Monkey* u ċioe` għall-ispeċi *Chlorocebus Pygerythrus*. Dwar dan il-Qorti tinnota fl-ewwel lok illi d-dokumenti esebiti minn Silvana Cassar Gauci, li jinsabu a fol. 38 u 39 tal-atti odjerni, u ffirmati minn Dr. Catherine Portelli, ma ġewx ikkonfermati mill-istess Dr. Catherine Portelli, li baqgħet ma xehditx fil-proċeduri odjerni. Fit-tieni lok, fi kwalunkwe każ, għalkemm fid-dokument a fol. 38, l-annimal ġie deskritt mit-tabib bħala *Vervet Monkey,* fid-dikjarazzjoni tagħha sussegwenti tiddeskrivi l-istess annimal bħala *Green Monkey* u *Chlorocebus Sabaeus.* Fix-xhieda tagħha, Silvana Cassar Gauci tiddeskrivi l-ispeċi tax-xadina bħala "*vervet jew inkella tista' tghidlu green monkey*".[4] Fi kwalunkwe każ dak li tirregola l-liġi huma annimali perikolużi, fir-rigward ta' liema ma ssir l-ebda distinzjoni għall-fini tar-regolamenti li bihom ġie mixli l-appellant odjern. Fir-Regolament 2 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.19, "*annimal perikoluż*" huwa definit bħala "*kull speċi ta' annimal meqjus mid-Direttur bħala perikoluż sew jekk minħabba li jista' jikkawża korriment jew ħsara lill-bnedmin sew jekk xort'oħra*". In oltre bis-saħħa tar-Regolament 3(1) tal-istess Leġislazzjoni Sussidjarja, *"Id-Direttur jista' jqis kwalunkwe annimal bħala annimal perikoluż*" u għalhekk li annimal jitqies bħala wieħed perikoluż ma jiddependix minn jekk dan jiġix identifikat bħala tali fl-Iskeda B tal-istess Leġislazzjoni Sussidjarja. Verament illi r-Regolament 3(3) jgħid illi annimal perikoluż għandu jiġi identifikat bħala tali fil-lista riprodotta fl-Iskeda B, iżda fil-fehma ta' din il-Qorti, il-fatt illi dan ma jkunx jinsab hekk identifikat, ma jfissirx illi dan ma jkunx annimal perikoluż, jekk id-Direttur jidentifikah bħala tali, kif ġara fil-każ odjern.

[4] A fol. 14 tal-proċess.

Is-sub-regolament (4) imbagħad lanqas ma jgħid illi annimal huwa perikoluż o meno skont jinsabx identifikat fl-Iskeda B, iżda jagħti poteri diversi lid-Direttur tas-Servizzi Veterinarji dwar it-tiżmim tal-istess annimal, skont jekk dan ikunx skedat jew le. Fi kwalunkwe każ, il-Qorti tinnota illi kif tajjeb jgħid l-Avukat Ġenerali fir-risposta tiegħu, kemm il-*vervet monkey*, kif ukoll il-*green monkey* huma *Old World Monkeys* jew *Cercopithecidae*[5], li taħt l-Iskeda B tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.19, anke fiż-żmien tal-każ odjern, kienu meqjusa bħala annimali perikolużi. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis illi l-appellant m'għandux raġun fir-raba' aggravju tiegħu, li qed jiġi miċħud.

22. In kwantu l-piena, l-Ewwel Qorti erogat piena ta' multa ta' tliet elef ewro (€3,000) fil-konfront tal-appellant, liema piena għandha tiġi ridotta fid-dawl tad-deċiżjoni ta' din il-Qorti fir-rigward tar-raba' imputazzjoni. Fit-termini tar-Regolament 18 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.19, "*Kull persuna li tikser id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għandha, meta tinsab ħatja, tkun ħatja ta' reat u teħel il-pieni stabbiliti fl-Att.*" Imbagħad, skont l-Artikolu 45 tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, kif viġenti wkoll fiż-żmien tal-każ odjern:

> Meta tinstab ħatja għall-ewwel darba, teħel multa ta'mhux anqas minn elfejn euro (€2,000), iżda mhux iżjed minn ħamsa u sittin elf euro (€65,000), jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet (3) snin, jew dik il-multa u priġunerija flimkien

23. Illi din il-Qorti qegħda tqis ukoll għall-fini ta' piena, iċ-ċirkostanzi tal-każ odjern.

**DECIDE**

Illi għaldaqstant, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell ta' **Albert GRIMA** u tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti:

1. Tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu l-appellant instab mhux ħati tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontra tiegħu, u ġie lliberat minnha;

[5] https://animalcorner.org/animals/grivet-monkeys

2. Tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu l-appellant instab ħati tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

3. Tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu l-appellant instab ħati tar-raba’ imputazzjoni u minflok issibu mhux ħati tal-istess imputazzjoni u tilliberah minnha;

4. Tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu l-appellant ġie kkundannat għall-piena ta’ multa ta’ tliet elef ewro (€3,000) u minflok tikkundannah għall-piena ta’ multa ta’ elfejn ewro (€2,000).

**Natasha Galea Sciberras**
**Imħallef**